# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 718

KAZ NRU. 823

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Angelo Stivala

u

Bortex Clothing Industry Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg
allegata li hi ngusta

Data : 27 ta' Mejju, 1996

Chairman : Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons) M.A.

Il-kaz fuq imsemmi gie riferut skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Onorevoli Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani bid-data 13 ta' Jannar 1994.

L-appellant stqarr li fis-16 ta' Settembru 1993 huwa tkecca mill-impjieg ghax il-post tieghu gie abolit fil-kuntest ta' ristrutturazzjoni tal-kumpanija u allura gie dikjarat "redundant". Gie sottomess li din ir-raguni ma kinitx wahda valida ghax il-post ta' l-appellant ma kienx attwalment abolit u d-doveri tieghu ta' Manager tal-Planning gew imghoddija lil haddiehor bl-istess "staff complement" li kellu l-appellant. It-Tribunal intalab jistabbilixxi jekk verament kienx hemm "redundancy" u l-appellati gew prekluzi milli jaghtu raguni ohra ghat-tkeccija f'dan l-istadju.

<u>F'isem il-Kumpanija</u> gie sottomess li l-post ta' l-appellant kien gie abolit bhala parti minn ezercizzju ta' ri-organizazzjoni fi gradi varji. Ghadd ta' Managers intlaqtu wkoll. L-iskop dejjem kien li tinzamm struttura biex tissahhah l-efficjenza u l-kompetittivita'. Ix-xoghol ta' Planning Manager fejn serva l-appellant beda jsir mill-Head of Engineering.

<u>Zvilupp tat-Tezijiet</u> - It-Tribunal zamm disa' seduti biex jisma' x-xhieda u jifli d-dokumenti rilevanti. Fuq il-bazi ta' dan, it-tezi ta' l-appellant giet konfermata fis-sottomissjonijiet finali u ngibdet l-attenzjoni tat-Tribunal li l-kumpanija ma pprezentatx audited accounts biex b'hekk kien difficli ghat-Tribunal jikkonstata l-kundizzjoni finanzjarja biex jara l-gustifikazzjoni a bazi ta' "redundancy". Biex tiffranka l-costs il-kumpanija setghet tiehu mizuri ohra billi per ezempju ma tibqax taghti karozzi ghall-uzu ta' certi membri tal-management. Id-doveri ta' l-appellant kien u ghadu mehtieg li jibqghu jsiru. L-appellant kien wiehed minn ta' l-ewwel li kien gie mpjegat u kellu seniority aktar minn kulhadd hlief mill-manager li gie moghti r-responsabbilita' jiccarerja x-xoghol ta' l-appellant. Ghalhekk hu kellu d-dritt jirrivertixxi ghall-post ta' qabel u jibqa' niezel, dan mhux obbligu strettament legali, huwa wiehed ta' prassi u obbligu morali. Ladarba fil-Ligi Maltija naccettaw it-teorija ta' last in first out, din it-teorija trid tigi applikata down the line.

Il-kumpanija rribattiet li dritt legali ghall-appellant ma jezistix, hemm dritt pjuttost morali. Jezisti d-dritt car li kumpanija tittermina l-impjieg ta' l-impjegati taghha u employers tajbin, bhall-Bortex, jezercitawh fl-isfond ta' ristrutturazzjoni shiha ta' l-impjegati kollha li kellha biex taghmel savings sostanzjali mizerjament ta' tlieta u sittin elf lira f'sena. Huwa veru li ma tressqux l-audited accounts izda gew esibiti dokumenti cari bizzejjed li ma gewx kontradetti b'ebda mod li juri li fil-fatt kien hemm din in-necessita' ta' l-istrutturazzjoni li kienet tinvolvi gerarkija shiha.

<u>L-Analizi tat-Tribunal</u> - l-aspetti u l-argumenti kollha gew analizzati bil-ghan li tintlahaq konkluzjoni cara, logika, razzjonali u teknika. F'kazi bhal dawn bilfors jidhlu aspetti partikolari tal-kultura karatterjali ta' l-azjenda u r-rapporti umani. B'hekk ukoll processi varji ta' "trimming" tal-forza tax-xoghol dejjem jiggeneraw aspetti emozzjonali marbutin mal-figura umana li flahhar mill-ahhar tigi effettwata tant hazin. Pero' id-dmir essenzjali tat-Tribunal jibqa' li jrid jikkonstata l-fatti oggettivi. Tentattivi biex ikun enfasizzat l-aspetti umani anki b'paraguni ma' kazijiet li jistghu jixxiehbu xi ftit, huma komprensibbli.

Il-qofol krucjali jibqa' jekk il-kumpanija ezercitatx genwinament id-dritt legali taghha ta' "redundancy". Il-kuntest globali talkaz ighin biex wiehed jiffokalizza aktar fuq il-bazi essenzjali tal-kaz u jiskorporah minn kunsiderazzjonijiet "morali". It-Tribunal jara f'dan il-kaz partikolari l-implimentazzjoni ta' dritt fundamentali tant necessarju ghal kull employer li jirikorri

ghal "redundancies" f'ezercizzju normali ta' tnaqqis fl-ispejjes operattivi, ezercizzju li involva ghadd sostanzjali ta' haddiema. Dan l-istrument huwa f'diversi livelli wiehed mill-ftit li jista' juza l-employer biex fl-istess waqt jissalvagwardja l-business tieghu li minnu jiddependu l-impjegati l-ohra li ma jkunux gew effettwati bi tnaqqis fil-postijiet tax-xoghol.

Dawn il-kunsiderazzjonijiet teknici jistabbilixxu ghalhekk li l-kumpanija ezercitat oggettivament id-dritt legali taghha b'parametri accettabbli ta' "redundancy" tipika ghalkemm mhux bilfors ikkunsidrat aspetti jew prassi morali li pero' ma kinitx obbligata taghmel legalment.

Ghall-finijiet tar-regolamenti ta' l-1986 dwar drittijiet li jithallsu (A.L. 48 tal-1986) maghmula taht l-Att tal-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali, it-Tribunal qed jintaxxa dawk il-persuni li dehru ghaz-zewg partijiet fis-somma ta' erbghin lira maltin (Lmm40) kull wiehed.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Edwin Spiteri
SEGRETARJU
mrg